

31978L0687

24.8.1978

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 233/10

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL**tal-25 ta' Lulju 1978****dwar il-koordinazzjoni tad-dispożizzjonijiet ipprovduti bil-liġi, regolament jew l-azzjoni amministrattiva fejn għandhom x'jaqsmu l-attivitajiet tat-tobba dentisti**

(78/687/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 49, 57, 66 u 235 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽²⁾,

Billi, biex jintlaħaq ir-rikonoxximent reċiproku tad-diplomi, iċ-ċertifikati u evidenza oħra tal-kwalifiki formali tad-dentisti, provduti bid-Direttiva tal-Kunsill 78/686/KEE tal-25 ta' Lulju 1978 li jikkonċernaw ir-rikonoxximent reċiproku tad-diplomi, iċ-ċertifikati u evidenza oħra ta' kwalifiki formali tat-tobba dentisti, inklużi l-miżuri biex ikun ffaċilitat l-eżerċizzju effettiv tad-dritt ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu provduti servizzi ⁽³⁾, ix-xorta paragunabbli tal-korsijiet ta' l-istħarriġ fl-Istati Membri tagħmel possibbli l-koordinazzjoni f'dan il-qasam li tiġi limitata għall-ħtieġa li l-livelli minimi jiġu osservati, li mbagħad iħalli l-Istati Membri fil-libertà ta' l-organizzazzjoni fejn għandu x'jaqsmu it-tagħlim;

Billi, bil-għan ta' rikonoxximent reċiproku tad-diplomi, iċ-ċertifikati u evidenza oħra ta' kwalifiki formali ta' tabib dentist speċjalizzata u biex il-membri kollha tal-professjoni li huma ċittadini ta' l-Istati Membri jitqiegħdu fuq livell indaqs fi ħdan il-Komunità, hi meħtieġa xi koordinazzjoni tal-ħtiġiet għat-taħriġ bħala professjonist tad-dentistija speċjalizzata; billi ċerti kriterji minimi għandhom ikunu provduti għal dan l-iskop fuq id-dritt li jsir taħriġ speċjalizzat, il-perjodu minimu tat-taħriġ, il-metodu li bih dan it-taħriġ jingħata u l-post fejn għandu jitwettagħ, kif ukoll is-superviżjoni li għaliha għandu jkun soġġett; billi dawn il-kriterji jikkonċernaw biss l-ispeċjalizzazzjonijiet komuni għal ħafna Stati Membri;

Billi jeħtieġ għal raġunijiet ta' saħħa pubblika li jkun hemm moviment fi ħdan il-Komunità lejn definizzjoni komuni tas-settur ta' l-attività tal-persuni professjonali konċernati; billi din id-Direttiva f'dan l-istadju ma tagħmilx possibbli l-kisba tal-koordinazzjoni kompleta fejn għandu x'jaqsmu is-settur ta' l-attività tat-tobba dentisti fid-diversi Stati Membri;

Billi l-Istati Membri għandhom jassiguraw li, mill-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, it-taħriġ tat-tobba dentisti għandu jipprovdihom bil-ħiliet neċessarja għat-twettiq ta' l-attivitajiet kollha li jinvolvu l-prevenzjoni, id-dijanjożi u t-trattament ta' l-anomaliji u l-mard tas-sniien, il-ħalq, ix-xedaq u t-tessuti assoċjati;

Billi l-koordinazzjoni tal-kondizzjonijiet għat-twettiq ta' dawn l-attivitajiet, kif ipprovdut taħt din id-Direttiva ma teskludix xi koordinazzjoni wara;

Billi l-koordinazzjoni maħsuba minn din id-Direttiva tkopri t-taħriġ professjonali tat-tobba dentisti; billi, safejn it-taħriġ hu konċernat, ħafna Stati Membri fil-preżent ma jagħmlux distinzjoni bejn dentisti professjonisti li jwettqu l-attivitajiet tagħhom bħala persuni impjegati u dawk li huma impjegati għal rashom; billi għal din ir-raġuni u biex jiġi mħajjar safejn hu possibbli l-moviment liberu tal-persuni professjonali fi ħdan il-Komunità, jidher neċessarju li l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva tiġi estiża għal tobbja dentisti li jwettqu l-attivitajiet tagħhom bħala persuni impjegati;

Billi, fiż-żmien tan-notifika ta' din id-Direttiva, id-dentistija hi pprattikata fl-Italja minn tobbja biss, kemm jekk jispeċjalizzaw fl-odontostomatologija jew le; billi, taħt din id-Direttiva, l-Italja hi obligata li tikkrea kategorija ġdida ta' persuni professjonali intitolati li jipprattikaw is-sengħa tad-dentisti taħt titolu ta' xort'oħra minn dak ta' tabib; billi fil-kreazzjoni ta' professjoni ġdida l-Italja m'għandhiex biss tintroduċi sistema speċifika tat-taħriġ li tikkonforma mal-kriterji provduti f'din id-Direttiva, imma wkoll tistabbilixxi strutturi tajbin għal din il-professjoni ġdida, bħal Kunsill, per eżempju; billi, għalhekk, minħabba l-firxa tal-miżuri li għandhom jittieħdu, l-Italja għandha tiġi mogħtija perjodu addizzjonali biex tħalliha tikkonforma ma' din id-Direttiva,

⁽¹⁾ ĠU C 101, ta' l-4.8.1970, p. 19.

⁽²⁾ ĠU C 36, tat-28.3.1970, p. 19.

⁽³⁾ ĠU L 233, ta' l-24.8.1978, p. 1.

ADOPTA DIN ID-DIRETTIVA:

f'istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla magħrufin li għandhom grad ekwivalenti.

IL-KAPITOLU I

ĦTIĠIET TAT-TAĦRIĠ

L-Artikolu 1

1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu persuni li jixtiequ jieħdu u jwettqu professjoni ta' dentisti taħt it-titoli msemmija fl-artikolu 1 tad-Direttiva 78/686/KEE li jkollhom diploma, ċertifikat jew evidenza oħra ta' kwalifiki formali msemmija fl-Artikolu 3 ta' l-istess Direttiva li jggarantixxu li matul il-perjodu tat-taħriġ kollu tagħha l-persuna konċernata tkun kisbet:

- (a) taħrif xieraq tax-xjenzi li fuqhom hi bbażata d-dentistrija u għarfien tajjeb tal-metodi xjentifiċi, inklużi l-prinċipji tal-kejl tal-funzjonijiet bijoloġiċi, il-valutazzjoni ta' fatti stabbiliti xjentifikament u l-analiżi tad-data;
- (b) taħrif xieraq dwar il-kostituzzjoni, il-fiżjoloġija u l-atteġġjament ta' persuni b'saħħithom u morda kif ukoll l-influenza ta' l-ambjent naturali u soċjali dwar l-istat tas-saħħa tal-persuna, safejn dawn il-fatturi jaffettwaw id-dentistrija;
- (c) taħrif xieraq dwar l-istruttura u l-funzjoni tas-snien, il-ħalq, ix-xedaq u t-tessuti assoċjati, kemm b'saħħithom u morda, u r-relazzjoni tagħhom ma' l-istat ġenerali tas-saħħa u l-qagħda fiżika u soċjali tal-pazjent;
- (d) taħrif xieraq dwar dixxiplini u metodi kliniċi, li jipprovdu d-dentist bi stampa koerenti ta' anomaliji, leżjonijiet u mard tas-snien, tal-ħalq, tax-xedaq u tat-tessuti assoċjati u tad-dentistrija preventiva, dijanjostika u terapewtika;
- (e) esperjenza klinika xierqa taħt superviżjoni xierqa.

Dan it-taħriġ għandu jipprovdi bil-ħiliet neċessarji għat-tweġġ ta' l-attivitajiet kollha li jinvolvu l-prevenzjoni, id-dijanjożi u t-trattament ta' l-anomaliji u l-mard tas-snien, tal-ħalq, tax-xedaq u tat-tessuti assoċjati.

2. Perjodu komplet ta' taħriġ dentali ta' din ix-xorta għandu jinvolvi mill-inqas kors *full-time* ta' ħames snin ta' istruzzjoni teoretika u prattika mogħtija f'università, f'istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla magħrufa li għandha grad ekwivalenti jew taħt is-superviżjoni ta' università u għandu jinkludi s-suġġetti mniżżla fl-Anness.

3. Biex jiġi aċċettat għal dan it-taħriġ, il-kandidat għandu jkollu diploma jew ċertifikat li jintitolah biex ikun ammess għall-kors ta' l-istudju konċernat fl-universitajiet ta' Stat Membru jew

L-Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li t-taħriġ li jwassal għal diploma, ċertifikat jew evidenza oħra ta' kwalifiki formali bħala professjonist tad-dentistrija speċjalizzat jilħaq ta' lanqas il-ħtiġiet li ġejjin:

- (a) għandu jinvolvi t-tmim u l-validazzjoni ta' kors *full-time* ta' ħames snin ta' struzzjoni teoretika u prattika fi ħdan il-qafas ta' taħriġ imsemmi fl-Artikolu 1, jew il-pussess ta' dokumenti msemmija fl-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 78/686/KEE.
- (b) għandu jinvolvi l-istruzzjoni teoretika u prattika;
- (c) għandu jkun kors *full-time* ta' mill-inqas tliet snin tul b'superviżjoni mill-awtoritajiet jew il-korpi kompetenti;
- (d) għandu jkun f'ċentru ta' università, f'ċentru ta' trattament, tagħlim u rċerka jew, fejn xieraq, fi stabbiliment tas-saħħa approvat għal dan l-iskop mill-awtoritajiet jew il-korpi kompetenti;
- (e) għandu jinvolvi l-parteċipazzjoni personali tad-dentist professjonist li qed jitħarreġ biex ikun speċjalista fl-attività u fir-responsabbiltajiet ta' l-istabbilimenti konċernati.

2. L-Istati Membri għandhom jagħtu diploma, ċertifikat jew evidenza oħra ta' kwalifiki formali bħala professjonist tad-dentistrija speċjalizzata soġġett għall-pussess ta' wieħed mid-diplomi, iċ-ċertifikati jew evidenza oħra ta' kwalifiki formali fid-dentistrija msemmija fl-Artikolu 1, jew għall-pussess tad-dokumenti msemmija fl-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 78/686/KEE.

3. Fil-limitu ta' żmien ipprovdut fl-Artikolu 8 l-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtoritajiet jew il-korpi kompetenti biex joħorġu d-diplomi, iċ-ċertifikati jew evidenza oħra ta' kwalifiki formali msemmija fil-paragrafu 1.

4. L-Istati Membri jistgħu jidderogaw mill-paragrafu 1(a). Il-persuni li fir-rigward tagħhom ssir din id-deroga m'għandhomx ikunu intitolati jagħmlu użu mill-Artikolu 4 tad-Direttiva 78/686/KEE.

L-Artikolu 3

1. Mingħajr preġudizzju għall-prinċipju ta' taħriġ *full-time* kif provdut fl-Artikolu 2(1)(ċ), u saż-żmien li l-Kunsill jieħdu deċiżjoni skond il-paragrafu 3, l-Istati Membri jistgħu jippermettu taħriġ ta' speċjalista *part-time*, taħt kondizzjonijiet approvati mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, meta taħriġ fuq bażi *full-time* ma kienx ikun prattiku għal raġunijiet tajbin.

2. Il-perjodu totali ta' taħriġ speċjalizzat ma jistax jitqassar permezz tal-paragrafu 1. Il-livell tat-taħriġ ma jistax jitħassar, la mix-xorta *part-time* tiegħu lanqas mill-prattika ta' attività professjonali privata b'remunerazzjoni.

3. Mhux aktar tard minn erba' snin wara n-notifika ta' din id-Direttiva u fid-dawl ta' kostatazzjoni tas-sitwazzjoni, f'azzjoni fuq proposta mill-Kummissjoni, u fl-għarfien li l-possibbiltà ta' taħriġ *part-time* għandu jibqa' jeżisti f'xi ċirkostanzi li għandhom jiġu eżaminati separatament għal kull speċjalizzazzjoni, il-Kunsill għandu jiddeċiedi jekk id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2 għandhom jinżammu jew jiġu emendati.

L-Artikolu 4

Bħala miżura transitorja u minkejja l-Artikoli 2(1)(ċ) u 3, l-Istati Membri li d-dispożizzjonijiet tagħhom provduti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva jippermettu metodu ta' taħriġ speċjalist *part-time* fiż-żmien tan-notifika ta' din id-Direttiva jistgħu jibqgħu japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet lill-kandidati li bdew it-taħriġ tagħhom bħala speċjalisti mhux iktar tard minn erba' snin wara n-notifika ta' din id-Direttiva. Dan il-perjodu jista' jiġi estiż jekk il-Kunsill ma jkunx ħa deċiżjoni skond l-Artikolu 3(3).

IL-KAPITOLU II

IS-SETTUR TA' L-ATTIVITÀ

L-Artikolu 5

L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-kirurgi dentali għandhom ġeneralment ikunu intitolati jieħdu u jwettqu attivitajiet li jinvolvu l-prevenzjoni, d-dijanjożi u t-trattament ta' anomaliji u mard tas-snien, il-ħalq, ix-xedaq u t-tessuti assoċjati skond id-dispożizzjonijiet regolatorji u r-regoli tal-kondotta professjonali li jiggvernaw l-professjoni fiż-żmien tan-notifika ta' din id-Direttiva.

Dawk l-Istati Membri li m'għandhomx dawn id-dispożizzjonijiet jew ir-regoli jistgħu jiddefinixxu jew jillimitaw it-tweqqi ta' xi attivitajiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu safejn huwa paragonabbli ma dak li jeżisti fl-Istati Membri l-oħrajn.

IL-KAPITOLU III

DISPOŻIZZJONIJET FINALI

L-Artikolu 6

Persuni koperti mill-Artikolu 19 tad-Direttiva 78/686/KEE jkunu meqjusa bħala li jħarsu l-ħtiġiet provduti fl-Artikolu 2(1)(a).

Għall-iskopijiet ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 2(2), persuni koperti mill-Artikolu 19 tad-Direttiva 78/686/KEE għandhom jiġu trattati fl-istess mod bħal dawk li huma fil-pussess tad-diplomi, iċ-ċertifikati jew evidenza oħra ta' kwalifiki formali fid-dentistria msemmija fl-Artikolu 1.

L-Artikolu 7

Din id-Direttiva għandha tapplika wkoll għal ċittadini ta' l-Istati Membri li, skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1612/68 tal-15 ta' Ottubru 1968 dwar il-libertà tal-moviment għall-ħaddiema fi ħdan il-Komunità⁽¹⁾, qegħdin jew ser ikunu jwettqu, bħala persuni impjegati, xi attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 78/686/KEE.

L-Artikolu 8

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva fi żmien 18-il xahar min-notifika tagħha u għandhom imbagħad jinfurmaw lill-Kummissjoni biha. Iżda, l-Italja għandha tieħu dawn il-miżuri fi żmien massimu ta' sitt snin.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenija tal-liġi nazzjonali li jadottaw fis-settur kopert minn din id-Direttiva.

L-Artikolu 9

Fejn Stat Membru jiltaqa' ma' diffikultajiet maġġuri fxi setturi fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha teżamina dawn id-diffikultajiet flimkien ma' dak l-Istat u għandha titlob l-opinjoni tal-Kumitat ta' l-Uffiċjali Anzjani dwar is-Saħħa

⁽¹⁾ ĠU L 257, tad-19.10.1968, p. 2.

Pubblikastabbilit mid-Deċiżjoni 75/365/KEE ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata mid-Deċiżjoni 78/689/KEE ⁽²⁾.

Magħmula fi Brussel, fil-25 ta' Lulju 1978.

Fejn neċessarju, il-Kummissjoni għandha tissottometti proposti xierqa lill-Kunsill.

Għall-Kunsill

L-Artikolu 10

Il-President

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

K. von DOHNANYI

⁽¹⁾ ĠU L 167, tat-30.6.1975, p. 19.

⁽²⁾ ĠU L 233, ta' l-24.1.1978, p. 17.

L-ANNESS

Programm ta' studju għall professjonisti tad-dentistrija

Il-programm ta' studju li jwassal għal diploma, ċertifikat jew evidenza oħra ta' kwalifiki formali fid-dentistrija għandu jinkludi mill-inqas is-suġġetti li ġejjin. Wieħed jew iktar minn dawn is-suġġetti jista' jkun mgħallem fil-kuntest tad-dixxiplini l-oħra jew flimkien magħhom.

- (a) *Suġġetti bażiċi*
 - il-kimika,
 - il-fiżika,
 - il-bijoloġija.
- (b) *Suġġetti mediċi-bijoloġiċi u suġġetti tal-mediċina ġenerali*
 - l-anatomija,
 - l-embrijoloġija,
 - l-istoloġija, inkluż s-cytology
 - fiżjoloġija
 - bijokimika (jew kimika fiżjoloġika),
 - anatomija patoloġika,
 - patoloġija ġenerali,
 - farmakoloġija,
 - mikrobijoloġija,
 - iġjene,
 - mediċina preventiva u epidemjoloġija,
 - radjoloġija,
 - fiżjoterapija,
 - kirurġija ġenerali,
 - mediċina ġenerali, inkluż il-pedjatrija,
 - laringoloġija oto-rhino,
 - dermato-veneroloġija,
 - psikoloġija ġenerali — psikopatoloġija — newropatoloġija,
 - anestetiċi.
- (ċ) *Suġġetti direttament relatati mad-dentistrija*
 - prostodontiċi, apparat u materjal dentali,
 - dentistrija konservattiva,
 - dentistrija preventiva,
 - anestetiċi u sedazzjoni fid-dentistrija,
 - kirurġija speċjali,
 - patoloġija speċjali,
 - xogħol fil-klinika,
 - pedodontiċi,
 - ortodontiċi,
 - perjodontiċi,
 - radjoloġija dentali,
 - okklużjoni dentali u funzjoni tax-xedaq,
 - organizzazzjoni professjonali, etika u leġislazzjoni,
 - aspetti soċjali tax-xogħol ta' dentist.